# IL-HSEBIJIET EWLENIN FL-EWWEL KTIEB TAR-RUMANZ "PESTA SOCJALI"

*Ta'* ANTON AGIUS

Ir-rumanzi li għandna fil-letteratura Maltija li għandhom il-ġrajja tagħhom mibnija l-aktar fuq kwadri mill-ħajja soċjali u li ma jeħtieġux ta' bilfors xi ġrajja storika li madwarha jixxeblek ir-rumanz, huma aktarx ftit. Insemmi fost dawn, "Leli ta' Ħaż-Żgħir" ta' Ġuże' Ellul Mercer, "Il-Qawwa tal-Imħabba" ta' Ġuże' Bonnici, "Is-Salib tal-Fidda" ta' Wistin Born, u b'xi mod ingħodd ukoll "L-Ibleh" ta' Ġużè Orlando. Ma' dan it-tip ta' rumanz nistgħu ngħoddu "PESTA SOĊJALI" ta' Manwel Antonju Scalpello Borg.

Mir-rumanz "PESTA SOĊJALI" għadu ħareġ biss l-ewwel ktieb li fih 54 paġna. Għalkemm deher biss l-ewwel faxxiklu, ngħid li sibt fih x'jolqtok, l-aktar meta taqra l-ħsebijiet u l-kliem tal-persunaġġi, li jidhru fir-rumanz, fuq il-ħajja tal-bniedem. Nittama li min għadu ma qarax dan ix-xogħol għal raġuni jew oħra, ifittex jaqrah. Nislet mir-rumanz "PESTA SOĊJALI" il-ħsebijiet li għandhom jinteressaw kemm lil dawk li qraw u kemm lil dawk li għad jaqraw dar-rumanz.

Il-persunaġġ ewlenija naraha li hija l-armla Ollegrob u madwarha jixxebilku l-ġrajjiet li nsibu f'"PESTA SOĊJALI". Kull min jidher f'"PESTA SOĊJALI" jaħdem direttament jew indirettament biex l-armla Ollegrob tingħaraf u tinqala' bħala għeliem tas-sbuħija u t-tjubija. Ir-rumanz jurina pass pass il-ġlieda bla waqfien bejn il-qerq mifrux kontra mara li l-iskop waħdieni tagħha hu li tagħmel it-tajjeb u taħdem għalih, minkejja li ma setax ikollha daqqa t'id minn żewġha mejjet jew minn dawk li kienu jgħixu madwarha. Barra dan, biex tagħqad insibu min bil-wiċċ sfiq kollu jrid, minflok ma jgħinha, jinqeda bil-liġi biex ifittex li jqarraq b'min hu tajjeb u fl-istess ħin jaqdi l-liġi.

Kif insibu miktub fir-rumanz, l-armla Ollegrob "kienet għadha fl-aħjar kollu tagħha, u kienet għadha tant sabiħa li wkoll kien hemm min riedha" iżda "hi riedet tgħix għal uliedha" billi "kienu saru l-iskop kollu ta' ħajjitha." L-armla Ollegrob kellha tfulija li fiha ġarrbet in-niket għax, kif Scalpello-Borg jinnota, "ma kenitx għadha taf, imma kienet tħoss li ġiet biex tinħaqar." Għall-armla Ollegrob, meta kienet għadha ċkejkna "qatt ma kien hemm kelma ħelwa" u mhux hekk biss, iżda lanqas kellha l-jedd ċkejken li tħaddan pupa taċ-ċraret li kienet ħadmet hi stess b'xi ċraret misjubin imxerrdin 'l hawn u 'l hinn. B'danakollu, għalkemm ċkejkna u ġarrbet moħqrija bla heda, hi kienet tħoss ħniena għall-ġara, l-armla Veronika. Iżda min kien jaf ftit tal-hena bħat-Tabib Brigo u ibnu, kasbruha. Minfuq, billi dil-armla ma kellhiex biex tħallsu talli mar jara lil binha marid, it-Tabib Brigo seraq bħala ħlas biċċa laħam għall-brodu mid-dwejra ta' dik l-imsejkna armla Veronika. Il-laħam għall-brodu nxtara mill-armla Veronika għal binha marid, mela l-ħtija tat-Tabib Brigo tikber.

L-armla Ollegrob fi tfulitha kienet ukoll għamlet żmien ma' zijitha, iżda z-zija kienet fis-sew żammitha biex issefeter fid-dar għax "qatt ma tatha xejn din zijitha." It-tbatija taxxbejba Ollegrob spiċċat meta żżewġet. Iżda wara żmien qasir romlot u reġgħet bdiet għaliha t-tbatija, bħal qabel. Għalhekk, fi kliem Scalpello-Borg, "u ż-żmien urieha li ħadd ma jimpurtah minn ħadd! . . . U ħadd ħlief Alla ma ra d-dmugħ tagħha ta' mrar u ta' qsim il-qalb." Għadda ż-żmien u wara tlittax-il sena sħaħ u twal ta' niket "it-tfal tagħha sarulha tliet ġuvintur". Tħabbat wiċċha mal-ħajja, hija ntebħet "illi s-soċjetà daħket biha" għax "din is-soċjetà tal-bnedmin ma trid xejn mit-tajjeb" l-aktar meta t-tama tagħha fil-ħaqq tas-Soċjetà għab, għax kienet rat ma' wiċċha u tegħmet bis-sħiħ il-qerq ta' għemil il-bniedem. Il-ġlieda bejn l-individwu u s-Soċjetà, il-ġid u n-nuqqas, il-ħażin u t-tajjeb, ipenġihomlna l-awtur ta' "PESTA SOĊJALI" fuq il-ħsebijiet li ħakmu 'l-armla Ollegrob, iżda imnikket imnikket, il-kittieb igħidilna li "il-kotra tgħix qalb dan kollu, imma l-kotra ma tafx b'dan kollu".

Bil-ħidma tal-armla Ollegrob, hi u tliet uliedha setgħu jerġgħu jibdew igħixu suret in-nies, iżda, għalkemm it-tliet

uliedha setgħu jaqilgħu ħobżhom bil-għaqal ta' deħenhom u l-ħila ta' drieghhom, b'danakollu s-Soċjetà mhux biss ma għenithomx biex isibu l-għajxien, iżda fixklithom. Gustav, wieħed minn uliedha, fehem għalhekk li l-ordni soċjali hu traffiku kbir, biex wieħed isib il-għajxien tiegħu . . . illi l-ħajja hi ħaġa kerha, u sar pessimista kbir... imma Gustav ma kellu ebda tort, għax l-awtur ifehemna li "kien id-destin . . . kienet is-soċjetà." Gustav ġralu li "qalbu mardet, u l-moral tiegħu marad . . . minn moħqrija bla ħeda" meta niftakru li "hu kien diġa' misqi minn dik ix-xmara niexfa . . . ġod-deżert tar-romol u ta' l-iltiema." Gustav kien jistrieħ biss meta kien jitlob u jarfa' ħsiebu 'l hinn minn dil-ħajja. Gustav xtaq li jaqla' x'jiekol billi jsir neguzjant, iżda ladarba kienet tonqsu r-rieda soda meħtieġa għal dax-xogħol, għen lil huh Bartilmew jaqbad in-negozju. B'danakollu, Gustav widdeb lil ħuh Bartilmew, "Ittendi mill-bniedem : tafdax fih, titmax fih : għaliex dan jissagrifika kollox għal din il-ħajja — tal-flus !"

In-negozju f'idejn Bartilmew mexa 'l quddiem u ladarba x-xogħol kiber ħtieġlu jkollu ftit tal-kapital sew. Mħajjar missensal Bontempone, mar jissellef mitejn lira flus minn għand wieħed jismu Fabriz. Botempone, bniedm qarrieq u ħajjen għall-aħħar, iżda jaf jistor ħsiebu, mxierek ma' wieħed biċċa għodda ħażina daqsu, sieħbu Fabriz, ħadem huwa u sieħbu minn taħt biex jeqred in-negozju minn idejn Bartilmw. Huwa u sieħbu riedu u nassu biex iġagħluh ifalli, itellgħuh il-Qorti, itellfulu kemm flusu u kemm ukoll il-ftit ġid li kellha ommu, billi nasbu wkoll il-flus t'ommu. Hekk għamlu, tellgħuh il-Qorti għax ma kellux biex iħallas fil-pront il-flus li ssellef minn għand Fabriz. Il-kittieb, Scalpello-Borg ikompli jgħidilna, "U l-ħaqq ra l-fatti, . . . u sama' l-provi maħlufin fuq is-sewwa u fuq issewwa kollu, u xejn anqas mis-sewwa ta' hawn isfel..." iżda dan il-ħaqq ma safa' xejn għajr ħlief daħk fil-wiċċ. Il-biċċa ntemmet billi Fabriz ġiebha fejn ried hu, u dawk iż-żewġ ħatbiet ta' l-infern xaħħmu bwiethom aktar minn qabel. Dil-praspura ħadmuha baxx baxx Fabriz u Bontempone billi ħajruh jissellef u jarġa' jissellef sa ċertu ammont, meta Fabriz sar jaf minn Bontempone fuq il-għożża tal-armla Ollegrob għal uliedha, għax kienu basru li "is-sinjura Ollegrob tħallas id-dejn ta' binha biex ma tħallihx il-ħabs . . ." Dan kien l-iskop waħdieni

li żera' f'moħħu Bontempone meta tħabbeb ma' Bartilmew, it-tifel tal-armla Ollegrob.

Hekk, il-ġrajja ġibitna għal darba oħra wiċċ ma' wiċċ mal-armla Ollegrob. Dan ġara għax l-awtur hu tal-fehma li, "hu kważi l-każ ta' l-umanità kollha illi tibni l-ħajja tagħha . . . fuq l-agunija tal-proxxmu. L-egojiżmu brutali hu istint fil-ħajja umana. L-istess egojimu hu l-istess natura :... hu jeqred biex igħix," iżda jfakkarna Scalpello-Borg, hemm dawk il-ftit li ma għandhomx x'jaqsmu ma' dil-kotra, u l-armla Ollegrob kienet waħda minn dawn "il-ftit li huma aktar spirtu milli materja, li huma . . . kollha mħabba." Kontra l-armla Ollegrob ħadmu Fabriz u Bontempone li nqdew bil-liġi li qiegħda biex tħares lis-Soċjetà, mhux b'riżq is-Soċjetà, iżda kontra s-Soċjetà stess, u minfuq is-Soċjtà tathom mingħajr stmerrija l-qligħ imsarraf fil-flus għall-qerq tagħhom. Fabriz u Bontempone kienu qed jaħdmu id f'id biex jibnu ħażna ta' flus għalihom, u l-mod tal-ħidma tagħhom kien għalihom u għal min jaħseb bħalhom, xejn aktar ħlief, fil-fehma qarrieqa tagħhom, "għaqal fil-ġlieda kbira għall-ħajja!" Għalhekk, għandna quddiem għajnejna taqtigħa kbira bejn dawk li l-awtur isejjaħ "bnedmin-lupi" u l-oħrajn li huma "bnedmin-ħrief". "Il-bnedmin-ħrief", imsieken li huma, "jittamaw fil-ħaqq ta' min jikkmanda." Dan kollu jwassal il-kittieb għall-egħluq, "U kollox isir qerq . .. kollox isir ħażin. U mis-sewwa kollu, mill-ħaqq kollu, ma jibqax ħlief — ironija!"

"PESTA SOĊJALI" huwa rumanz li ismu miegħu jrid jurina marda qalila li taħkem is-Soċjetà, il-marda kiefra mnissla mill-problema tal-ħażen, problema li ilu jħabbat wiċċu magħha l-bniedem sa mill-ibgħad żmenijiet ta' ħajtu fuq dil-art. "PESTA SOĊJALI", bħala rumanz mibni fuq kif inhi tabilħaqq il-ħajja u mhux kif nixtequha mżejna aħna fil-fantażija tagħna, għandu jagħni l-letteratura tagħna. Bla ebda dubju ta' xejn, dan ix-xogħol ta' M. A. Scalpello-Borg, mgħammed "PESTA SOĊJALI" jistħoqqlu mhux biss min jaqrah, iżda min itiegħem sewwa t-tagħlim li fih, l-aktar meta l-awtur jitbekka fuq l-imġiba tal-bnedmin bejniethom meta dawn jagħmlu minn kollox biex iqarrqu wieħed bl-ieħor.